**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 275 tal-11 ta' Novembru 2024 dwar talba għal ksur ta' privileġġ mill-Prim Ministru fil-konfront tal-Onor. Adrian Delia**

Fis-seduta ta'  nhar l-Erbgħa li għadda, 6 ta' Novembru 2024, eżattament wara l-ħin tal-Mistoqsijiet, l-Onor. Adrian Delia talab lis-Sedja hekk:

> "**ONOR. ADRIAN DELIA:** Sur President, ilbieraħ waqt id-diskors jew ir-replika tal-baġit, il-Prim Ministru għoġbu jsemmini f'istanza partikolari u insinwa jew allega li jien kont illikjajt id-dokument imsejjaħ, jew hekk imsejjaħ, 'pre-budget document' lill-Gvern jew lill-Partit Laburista. Dan ġie anke rrapportat mill-ġurnali lokali. Se naqra minn ġurnal partikolari:
>
> > "At one point, Abela insinuated that the *pre-Budget document* was leaked to the Labour Party by Nationalist MP Adrian Delia."
>
> Nixtieq nitlob li s-Sedja tinvestiga dak li qal, titlob lill-Prim Ministru jew jissostanzja dak li qal jew jirtira dak li qal, imma *in ogni caso* ninvoka l-ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħi.".

B’reazzjoni għal din it-talba, il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia qalet:

“**ONOR. NAOMI CACHIA:** L-ewwel xejn irrid nirrimarka li l-ewwel opportunità li ssir din it-talba kienet proprju lbieraħ però ninsab daqsxejn sorpriża b’din it-talba għaliex personalment jien smajt ħafna u ħafna agħar minn hekk mill-kollegi tal-Onor. Delia fil-konfront tal-Membri ta’ din in-naħa tal-Kamra. Jekk qed nitkellmu dwar dan id-dokument li ġie leaked, m’hemm l-ebda dubju li ġie leaked minn xi ħadd min-naħa l-oħra però jien ma nafx min hu. Personalment min jaf min illikja dan id-dokument żgur li mhux se jikxef is-sorsi.”.

Hawnhekk is-Sedja reġgħet tat il-kelma lill-Onor. Delia li qal hekk:

“**ONOR. ADRIAN DELIA:** Il-Whip tan-naħa l-oħra llum fil-Parlament qed tiddikjara li ma tafx minn min ġie leaked. Formalment dan id-dokument ilbieraħ il-Prim Ministru ddikjara u kkwota minnu, mela fattwalment ġie leaked. Però l-insinwazzjoni kienet ‘Dak li kien qiegħed maġenbu’. Jew jikkjarifikaha jew jirtiraha jew inkella jittieħdu l-proċeduri idonei.”.

Hawnhekk is-Sedja rringrazzjat lill-Onor. Delia u qalet li ħadet nota ta' dan kollu u kompliet bl-Ordnijiet tal-Ġurnata.

Is-Sedja tibda billi tikkonstata illi l-Onor. Adrian Delia invoka ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħu għal dak li qal il-Prim Ministru fis-seduta tal-ġurnata ta' qabel, jiġifieri fis-Seduta tal-5 ta' Novembru 2024, meta kien qiegħed jagħti r-risposta tiegħu għad-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista biex tiddiskuti l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2025. Is-Sedja għalhekk rat dak li jgħidu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dwar kif u meta Membru jista' jqajjem ksur ta' privileġġ.

Ordni Permanenti 36 jgħid illi:

> "**36.** Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.

> Mozzjoni dwar kwistjoni ta’ privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista’ ssir qabel il-bidu ta’ xogħol pubbliku.”

L-Ordni Permanenti 48 ikompli jiċċara li:

> “... membru jista’ jqum biex jitkellem fuq punt ta’ ordni jew fuq kwestjoni ta’ privileġġ li tinqala’ f’daqqa”,

jiġifieri tinqala’ f’dik is-seduta, u allura japplika għall-ilment imqajjem mill-Onor. Delia.

Dwar dan il-punt is-Sedja ħasset li għalkemm ir-regoli tagħna huma ċari, għandha tara l-proċedura li hija segwita fil-Commonwealth. Dwar ‘Procedure for dealing with matters of privilege’ fil-House of Commons Kanadiż jingħad illi:

> “a question of privilege arising out of the proceedings during the course of a sitting may be raised immediately without notice.”

Taħt it-titolu 'Raising at the First Opportunity' imbagħad jingħad ċar li:

> "The matter of privilege to be raised in the House must have recently arisen and must call for the immediate action of the House. Therefore, Members must satisfy the Speaker that the matter has been raised at the earliest opportunity. When a Member does not fulfil this important requirement, the Speaker has ruled that the matter is not a *prima facie* question of privilege.".

L-istess jingħad fil-proċeduri tal-Parlament Awstraljan, fejn jingħad li:

> "The Member raising and stating the matter of privilege or contempt may speak on the matter …",

Jgħid ukoll:

> "A Member may raise a matter of privilege at any time during a sitting",

fejn tinqala' l-kwestjoni.

L-istess fil-Parlament ta' New Zealand, huwa ċar li:

> "Members must raise matters of privilege before the House next meets. Obviously, if a breach occurs in secret and no one can appreciate it at the time, members can raise it when they become aware of it. But members must raise a breach as soon as the event occurs.".

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni kollha tad-diskors tal-Prim Ministru tas-Seduta tat-Tlieta, 5 ta' Novembru, u ma setgħet issib l-ebda istanza fejn fiha l-Prim Ministru jgħid dak li qiegħed jallega l-Onor. Adrian Delia. L-unika darba li l-Prim Ministru jirreferi għall-Onor. Delia huwa fejn il-Prim Ministru fid-diskors tiegħu qal:

> "**ONOR. ROBERT ABELA:** Waqt Freshers' Week, waqt li kont l-Università dakinkar, ilqtajt ma' żagħżugħ ta' 22 sena qed jistudja l-inġinerija, u jaspira li jkompli ... Ġie Dr Delia ħdejk, waqqaftni ... Attent Sur Kap tal-Oppożizzjoni ... Ma jfissirx ħafna li qiegħed ħdejk. (Onor. Membri: Hear, hear) Dan iż-żagħżugħ qed jistudja l-inġinerija, għandu ħolma li jmur ikompli l-istudji tiegħu fl-Ingilterra.".

Is-Sedja rat ukoll il-filmati tal-PBS, u nnotat illi fil-ħin li beda jitkellem il-Prim Ministru fil-waqt li kien qed jagħmel referenza għal żagħżugħ li qed jistudja l-inġinerija, u l-Prim Ministru qal:

> "Attent Sur Kap tal-Oppożizzjoni ... Ma jfissirx ħafna li qiegħed ħdejk.",

faċċata tiegħu kien hemm l-Onor. Adrian Delia bilqiegħda ħdejn l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni.

Is-Sedja terġa' tagħmel referenza għal dak li għamel referenza għalih l-Onor. Adrian Delia dwar il-pre-budget document fejn l-allegazzjoni tiegħu hija li:

> "**ONOR. ADRIAN DELIA:** … il-Prim Ministru għoġbu jsemmini f'istanza partikolari u insinwa jew allega li jien kont illikjajt id-dokument imsejjaħ jew hekk imsejjaħ 'Pre-Budget document' lill-Gvern jew lill-Partit Laburista.".

L-ewwel ħaġa li s-Sedja kienet marbuta li tagħmel fil-konsiderazzjoni tagħha ta' dan il-każ kienet illi s-Sedja tara jekk l-ilment tal-Onor. Delia fil-fatt tqajjimx fl-

ewwel opportunità li kellu biex iqajjem dan l-allegat ksur ta' privileġġ, u dan kif previst fl-Ordni Permanenti 36. Is-Sedja mill-ewwel tirrileva li l-ewwel opportunità kienet waqt l-istess seduta tal-5 ta' Novembru 2024, proprju waqt li kien qed jitkellem il-Prim Ministru, jew anke fil-ħin li kien fadal sakemm spiċċat is-seduta qabel ma ttieħed il-vot, iżda fl-ebda mument l-Onor. Adrian Delia ma deherlu li kellu jqajjem dan l-allegat ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħu matul din is-seduta.

Għalhekk proċeduralment is-Sedja tara li ma tistax tieħu inkonsiderazzjoni t-talba tal-Onor. Adrian Delia.

Minkejja dan is-Sedja xorta tħoss li għandha tara dak li wassal lill-Onor. Adrian Delia jqajjem l-ilment, fejn qal illi l-Prim Ministru donnu kien qed jgħid li kien proprju Adrian Delia li llikja l-pre-budget document lill-Gvern jew lill-Partit Laburista. Dan is-Sedja qiegħda tagħmlu sabiex tieħu nota u pożizzjoni dwar sitwazzjonijiet, li dejjem jekk proċeduralment jitmexxew b'mod ġust, jistgħu jammontaw għal prima facie ksur ta' privileġġ, u li allura s-Sedja jkollha tiddeċiedi dwarhom.

Is-Sedja rat ukoll ir-rapporti f'diversi ġurnali lokali li rrappurtaw id-diskors tal-Prim Ministru, peress illi l-Onor. Delia semma ġurnal partikolari. Mir-riċerki li għamlet is-Sedja tifhem li kienet qiegħda ssir referenza għall-ġurnal *maltatoday* li f'paġna 2 tal-ħarġa tal-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024 li rrapporta hekk:

> "At one point, Abela insinuated that the pre-Budget document was leaked to the Labour Party by Nationalist MP Adrian Delia. The MP denied this on Facebook.".

Is-Sedja rat ukoll il-gazzetti l-oħra. Il-ġurnal *The Malta Independent* ma ġab xejn dwar id-dokument li ġie llikjat, u lanqas semma lill-Onor. Adrian Delia. Il-ġurnal *The Times of Malta*, f'paġna 2 qal:

> "This was further evidenced in a half-baked, pre-budget PN document, he added, pulling out the leaked document that Labour published on Monday.",

mingħajr ebda referenza li l-Prim Ministru kien qed jirreferi għall-Onor. Adrian Delia.

Il-ġurnali n-Nazzjon u l-Orizzont wkoll ma rrappurtawx dwar dan.

Is-Sedja, rat it-traskrizzjoni tad-diskors kollu tal-Prim Ministru, u ħadet nota ta' fejn jissemma l-pre-budget document tal-Partit Nazzjonalista, u nikkowta:

> "... se nkun qiegħed nirreferi għall-pre-budget tal-Partit Nazzjonalista – naf li ma tantx qed tieħu pjaċir li kellna dak il-pre-budget document f'idejna – u f'paġna 12 tiegħu, Sur President, qed jgħidu li se joħolqu 32,000 impjieg ġdid li biex inkun aktar preċiż, jekk tħares lejn kemm qed jirtiraw Maltin u Għawdxin mis-suq tax-xogħol ta' kull sena bl-età pensjonabbli kkomparat ma' kemm Maltin u Għawdxin jidħlu fis-suq tax-xogħol ta' kull sena …".

Inkompli nikkwota:

> "Dak huwa, Sur President, li qegħdin jgħidu fil-pre-budget document tagħhom li għal xi raġuni qatt ma ra d-dawl tax-xemx. U se nkun qiegħed ngħid għalxiex qatt ma ra d-dawl tax-xemx.".

F'parti oħra tad-diskors tiegħu l-Onorevoli Prim Ministru qal hekk:

> "Għidna l-ġimgħa li għaddiet mhux għidna x'se nagħmlu. (Onor. Membri: Hear, hear) Għamilna l-ikbar tax cut fl-istorja ta' pajjiżna. Għedthielek ġimgħa ilu. (Onor. Membri: Hear, hear) Ħasibna bħall-pre-budget document, għadu ma wasalx! Qal li se jestendi l-età tat-tfal biex jikkwalifikaw għall-parent rate, imma fil-Baġit li għadda ma rrealizzawx li l-Gvern diġà ta €500 allowance supplimentari lil dawn il-ġenituri. Iċċekkja ftit xi jkunu qegħdin jiktbulek.".

Aktar tard fid-diskors tiegħu mbagħad il-Prim Ministru qal hekk:

> "Ħa nkompli ftit fuqu, Sur President, dan il-pre-budget document għax jagħti stampa ċara ta' x'Oppożizzjoni għandna. Qed jagħti tbassir ta' kemm se jiżdiedu l-impjiegi fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Dan huwa settur li jħaddem ħaddiema ta' kwalità u ż-żewġ naħat jaqblu li għandna nkomplu nkabbruh. Qed jgħidu li fuq medda ta' tmien snin se jirnexxilhom iżidu l-ħaddiema f'dan is-settur b'2,200 oħra biex ikollna, skont in-numri li jiċċitaw fil-pre-budget document tagħhom, 15,000 persuna taħdem fis-

settur tas-servizzi finanzjarji sa tmien snin oħra. Intom tafu li llum diġà għandna 18,100 persuna li taħdem fis-settur tas-servizzi finanzjarji.”.

U jkompli:

“U din hija sintomatika li sena wara l-oħra jgħaffġuha tal-pre-budget document. Naraw is-snin preċedenti u daqqa m’għamluhx u dan it-tip ta’ tgħaffiġ li huwa sintomatiku magħhom. Però dan il-pre-budget document lil hinn issa minn daħk, dan il-pre-budget document seta’ kien il-baġit tal-pajjiż, kieku flok dik in-naħa l-Kap tal-Oppożizzjoni qiegħed din in-naħa u s-sitwazzjoni ma tkunx tad-daħk hemmhekk għaliex il-baġit huwa l-investimenti tan-negozji, huwa l-ħajja tan-nies, huwa l-futur tat-tfal tagħna u ma’ dawk ma tistax tilgħab bid-dilettantiżmu.”.

Is-Sedja tinnota illi ma hemm imkien aktar referenza għall-pre-budget document fid-diskors tal-Prim Ministru, inkluż fil-parti fejn saret referenza għall-Onor. Adrian Delia.

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi s-Sedja, filwaqt li tara illi t-talba tal-Onor. Adrian Delia biex is-Sedja tinvestiga l-allegat ksur ta’ privileġġ fil-konfront tal-Prim Ministru

kellha ssir fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024, xorta waħda, wara li kkunsidrat il-każ, ma tarax li l-Prim Ministru kien qed jagħmel referenza diretta għall-Onor. Adrian Delia dwar xi leak tal-pre-budget document.

Is-Sedja tfakkar f'wieħed mill-ordnijiet permanenti ewlenin tal-Kamra tad-Deputati tagħna f'dak li jikkonċerna Ordni fil-Kamra, u ċjoè Ordni Permanenti 45 illi jgħid illi:

> "**45.** Kull Membru li jixtieq jitkellem għandu jqum f'postu u jindirizza ruħu lejn l-Ispeaker jew lejn il-President skont il-każ."

Dan ċarament jitlob illi kull Membru, kull meta jindirizza l-Kamra, għandu joqgħod lura milli jagħmel rimarki diretti lejn Membri oħra u jindirizza biss lis-Sedja.

Dwar dan Erskine May jgħid illi:

> "Members must address the Speaker and not direct their speeches solely to one part of the House or to any party on either side of the House."

B'żieda ma' dan, dokument[1] maħruġ mill-Ispeaker u d-Deputy Speakers tal-House of Commons Ingliż f'Settembru 2021 bl-isem *Rules of behaviour and courtesies in the House of Commons*, jgħid illi:

> "Members must always address the House through the Chair. It is wrong to address another Member as 'you'. This is not just an archaic convention. It is essential in maintaining the civil tone and objectivity of debate. It also avoids personal attacks as opposed to political criticism."

Dan huwa għalhekk mistenni sabiex jiġi evitat illi d-diskussjoni tiddeġenera f'botta u risposta politika, jew agħar minn hekk personali, li tista' twassal għal konfrontazzjoni inutli u li ma tagħmel l-ebda ġid lill-istess tmexxija tad-demokrazija parlamentari, u jistgħu jammontaw għal ksur ta' regoli ta' din il-Kamra.

Ir-ruling huwa deċiż.

[1] https://www.parliament.uk/globalassets/documents/rules-of-behaviour.pdf